31998R1490

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1490/98

tat-13 ta' Lulju 1998

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 659/97 li jistabbilixxi regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE)Nru 2200/96 rigward l-arranġamenti ta' l-intervent fis-settur tal-frott u l-ħxejjex

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħxejjex ([1]), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2520/97 ([2]), u partikolarment l-Artikolu 30(6) u l-Artikoli 48 u 57 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 659/97 ([3]), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1946/97 ([4]), jistabbilixxi regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament (KE) Nru 2200/96 rigward l-arranġamenti ta' l-intervent fis-settur tal-frott u l-ħxejjex;

Billi għandhom jiġu stabbiliti l-ħtiġiet minimi sabiex jiġu rtirati prodotti li għalihom il-Komunità ma għandha l-ebda livell stabbilit għall-bejgħ fis-suq;

Billi t-tadam prodott fil-perjodu taż-żmien bejn is-16 ta' Lulju u l-15 ta' Ottubru jrid jilħaq il-livelli stabbiliti għall-bejgħ fis-suq u għalhekk irid ikun konformi mal-ħtiġiet ta' l-ippakkjar, meqjusa l-kondizzjonijiet partikolari tal-ġabra u l-produzzjoni ta' dan il-prodott;

Billi t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 15(3) tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu livell massimu għas-suppliment tal-kumpens Komunitarju ta' l-irtirar; billi, b'dankollu, dan l-Artikolu jipprovdi li l-ammont tas-suppliment miżjud mal-kumpens Komunitarju għall-irtirar ma jistax jeċċedi l-livell massimi tal-prezzijiet għall-irtirar li japplikaw għas-sena tas-suq 1995/96; billi għandhom jiġu stabbiliti kriterji li jistabbilixxi li dan is-suppliment jiġi stabbilit sabiex jinżamm l-irtirar tal-prodotti mis-suq bħala strument sabiex jiġi stabbilizzat is-suq fil-prodotti friski u mhux bħala mogħdija li tissostitwixxi s-suq;

Billi, fil-każ tat-tadam intiż għall-ipproċessar, il-kumpens Komunitarju għall-irtirar flimkien ma' kull supplement stabbilit mill-Istati Membri ma jistgħux jeċċedu l-prezz minimu ta' l-ipproċessar stabbilit għas-sena tas-suq involuta sabiex jipprevjieni milli l-irtirar ta' dawn il-prodotti jiġi wżat bħala alternattiva għall-ipproċessar;

Billi l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 jipprovdi li l-kabbara li mhumiex membri ta' xi organizzazzjoni tal-produtturi jistgħu jibbenefikaw mis-sistema ta' l-intervent permezz ta' dawn l-organizzazzjonijiet; billi għandha ssir disposizzjoni li tippermetti sabiex jiġu stabbiliti miżuri fuq livell nazzjonali meta meħtieġ sabiex ikun assigurat li dawn id-disposizzjonijiet jiġu applikati effettivament;

Billi, għall-għanijiet tad-distribuzzjoni b'xejn tal-prodotti rtirati mis-suq, l-istituzzjonijiet soċjali, edukattivi u/jew tas-saħħa għandhom jiġu trattati bl-istess manjiera bħall-istituzzjonijiet stabbiliti għal-dan l-iskop fir-Regolament (KE) Nru 2200/96;

Billi fil-każ ta' l-operati ta' distribuzzjoni b'xejn f'pajjiżi terzi l-Istati Membri jridu jippreżentaw pjani għal dawn l-operati lill-Kummissjoni; billi l-pjani jridu ikun fihom partikolarment il-qbil tal-pajjiżi terzi interessati; billi, fil-każ tat-trasport bil-baħar, għandu jiġi applikat koeffiċjent ta' 0,6 % għall-ispejjeż tat-trasport li jista' jinġarr mill-Kummissjoni;

Billi l-Artikolu 15a tar-Regolament (KE) Nru 659/97 għandu jiġi estiż sas-sena tas-suq 2000/01;

Billi l-miżuri li hemm disposizzjonijiet dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat ta'Ġestjoni tal-Frott u l-Ħxejjex,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 659/97 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 2(2) huwa mibdul b'dan li ġej:

"2. Meta l-is*tandards* jiġu adotti permezz ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96,il-prodotti rtirati mis-suq jridu jkunu konformi ma' dawn is-*standards*, għajr għad-disposizzjonijiet dwar il-preżentazzjoni u l-bejgħ fis-suq ta' dawn il-prodotti. Il-prodotti jistgħu jiġu rtirati mingħajr ma jitqies it-tqassim bil-qisien skond il-klassi tal-kwalità, basta iżda li jintlaħaq il-limitu l-iktar baxx għall-klassi II.

B'dankollu, it-tadam irtirat mis-16 ta' Lulju sal-15 ta' Ottubru irid ikun konformi mal-*istandard* tal-bejgħ fis-suq stabbilit fir-Regolament (KEE) Nru 778/83."

([1]) ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1.
([2]) ĠU L 346, tas-17.12.1997, p. 41.
([3]) ĠU L 100, tas-17.4.1997, p. 22.
([4]) ĠU L 274, tas-7.10.1997, p. 4.

2. Il-paragrafu 3 li ġej huwa miżjud mal-Artikolu 2:

"3. '3. Meta ma jkunux ġew adottati l-ebda standards għall-bejgħ fis-suq permezz ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96, iridu jintlaħqu l-ħtiġiet minimi stabiliti fl-Anness VII. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxi dispożizzjonijiet li jissupplimentaw dawn il-ħtiġiet minimi."

3. L-Artikolu 6 huwa mibdul bi:

"*Artikolu 6*

1. Minkejja l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, ir-Regolament (KE) Nru 411/97 għandu japplika għall-ħlas tal-kumpens ta' l-irtirar għall-prodottti mhux elenkati fil-lista fl-Anness II mar-Regolament (KE) Nru 2200/96 u għall-konċessjoni ta' kumpens għall-irtirar li hemm dispożizzjoni dwaru fl-Artikolu 15(3)(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 2200/96.

2. Il-prezzijiet massimi li japplikaw għas-sena tas-suq 1995/96 u s-supplimenti li l-Istati Membri li japplikaw it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 15(3) tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 ma jistgħux jeċċedu dawk stabiliti fl-Anness VIII.

3. L-Istati Membri li jistabbilixxu livell massimu għas-supplimenti għall-kumpens Komunitarju ta' l-irtirar skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 15(3) tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 għandhom iqisu dan li ġej:

— l-irtirar huwa strument fuq terminu fil-qosor sabiex jistabbilizza l-provvista fis-swieq tal-prodotti friski,

— fl-ebda każ ma għandu l-irtirar jservi ta' mogħdija biex jidħol minflok is-suq,

— l-irtirar ma għandux ifixkel it-tmexxija tas-suq tal-frott u l-ħxejjex intiżi għall-ipproċessar.

Xahar qabel il-bidu tas-sena tas-suq, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-livelli massimi stabbiliti tas-supplimenti għal kull prodott fl-Anness II.

Fil-każ speċjali tat-tadam intiż għall-ipproċessar, is-suppliment li jrid jintlaħaq irid ikun f'livell tali li s-somma tal-kumpens Komunitarju għall-irtirar u s-suppliment hekk stabbilit ma għandhomxx jeċċedu l-prezz minimu għall-ipproċessar stabilit għas-sena tas-suq involuta skond ir-Regolament (KE) Nru 2201/96."

4) — It-tielet u r-raba' subparagrafi ta' l-Artikolu 8(1) huma mibdula b'dan li ġej:

"L-organizzazzjonijiet tal-prodtturi għandhom jiċċertifikaw li l-prodotti rtirati jkunu konformi mas-*standards* fis-seħħ meta dawn l-*istandards* ikunu ġew adottati b'mod konformi mal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 jew, meta ma jeżistux dawn is-*standards*, il-ħtiġiet minimi stabbiliti fl-Anness VII.

L-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali bil-miżuri meħuda bi qbil mal-qafas nazzjonali li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 10 bil-ħsieb li jipproteġu l-ambjent waqt l-operazzjonijiet ta' l-irtirar."

— L-Artikolu 8(2)(b) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(b) mhux aktar tard minn xahrejn wara l-bidu ta' kull sena tas-suq, estmi taż-żoni kkultivati skond kull prodott elenkat fil-lista fl-Anness II u, fejn japplika, skond il-varjetà."

— Il-paragrafu 3 li ġej huwa miżjud mal-Artikolu 8:

"3. Jekk meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jassiguraw li l-bdiewa li huma membri ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jiġu mħollija attwalment jibbenefikaw mill-iskema ta' l-intervent li hemm dispożizzjoni dwarha fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96."

5. Fl-Artikolu 12, il-frażi 'u (b)' tiddaħħal wara l-frażi 'it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 30(1)(a)' u tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Djar tal-mistrieħ (tax-xjuħ), skejjel tan-nuna, stabbilimenti psikjatriċi u istituzzjonijiet oħra soċjali, edukattivi u/jew tas-saħħa għandhom jiġu trattati fl-istess manjiera bħal dawk l-istituzzjonijiet."

6. L-Artikolu 14(3) huwa mibdul b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw pjani lill-Kummissjoni għal kull operat ta' distribuzzjoni b'xejn, flimkien ma':

— l-ismijiet ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jirtiraw il-prodotti f'dan il-każ,

— il-kwantità intiża għalbiex titqassam,

— l-ismijiet ta' l-organizzazzjonijiet tal-karità approvati mill-Istat Membru u responsabbli mill-operat,

— is-sustanza tal-ftehim kif hemm dispożizzjoni dwar dan fl-Artikolu 16(4),

— l-ismijiet ta' l-organizzazzjonijiet tal-karità responsabbli mid-distribuzzjoni lill-pajjiżi terzi,

— il-ftehim mal-pajjiżi terzi kkonċernati,

— dettalji dwar il-mezzi tat-trasport li għandhom ikunu wżati.

L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni kopji tan-notifiki lis-Sub-Kumitat Konsultattiv tal-FAO dwar ir-Rimi taż-Żejjed wara li l-operati jkun ġew awtorizzati mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fuq il-bażi ta' każ b'każ jekk tawtorizzax dawn l-operati fid-dawl partikolari tal-garanziji tal-konklużjoni b'suċċess u tas-sitwazzjoni fis-suq.

Fl-aħħar ta' kull operat, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-tagħrif speċifikat fl-Anness VI. Fuq talba, għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' l-operat fil-pajjiżi terzi."

7. Is-sentenza li ġejja hija miżjuda mat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 15(1):

"Fil-każ ta' trasport bil-baħar, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ispejjeż tal-ġarr li jistgħu jitħallsu fuq il-bażi tan-nefqa attwali fuq it-trasport u tad-distanza. Il-kumpens hekk stabbilit ma jistax jeċċedi n-nefqa tat-trasport bl-art fuq l-aqsar distanza bejn il-post tat-tagħbija u l-post teoretiku tal-ħruġ. Għandu jiġi applikat fattur korrettiv ta' 0,6 għall-ammonti li hemm referenza dwarhom fil-punt 1 ta' l-Anness V."

8. It-tielet inċiż tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 15(2) huwa mibdul bi:

"— teħid mill-korpi benefiċjarji,".

9. Fl-Artikolu 15a il-frażi 'Għas-sena tas-suq 1997/98:' hija mibdula bil-frażi "Sa u inkluża s-sena tas-suq 2000/01"

10. Ir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 16(6) huwa mibdul bi:

"— teħid mill-korpi benefiċjari,".

11. L-Annessi ġodda VII u VIII li ġejjin huma miżjuda:

"ANNESS VII

ĦTIĠIET MINIMI GĦALL-PRODOTTI RTIRATI

1. Il-prodotti rtirati jridu jkunu:
   — intatti,
   — b'saħħithom: jiġu eskluži prodotti affettwati mit-tinwir jew mid-deterjorazzjoni hekk li ma jibqgħux tajbin għall-konsum,
   — indaf, prattikament ħielsa minn kull materja barranija li tidher bil-għajn,
   — prattikament ħielsa minn insetti/annimali qerrieda jew attakki minn insetti/annimali qerrieda,
   — ħielsa min-nida fuq barra mhux normali,
   — ħielsa minn kull riħa u/jew togħma barranija.

2. Il-prodotti jridu jkunu żviluppati suffiċjentement u maturi suffiċjentment billi jingħata każ tat-tip tagħhom.

3. Il-prodotti għandhom ikollhom il-karatteristiċi tal-varjeta u/jew tat-tip kummerċjali.

ANNESS VIII

PREZZIJIET MASSIMI APPLIKABBLI GĦAS-SENA TAS-SUQ 1995/96 U GĦAS-SUPPLEMENTI LI JIRRIŻULTAW FIT-TNEĦĦIJA TAL-KOMUNITÀ

(ecu/100 kg)

Prodott	Prezz massimu1995/96	Supplement massimu					
		Senatas-suq 1997/98	Senatas-suq 1998/99	Senatas-suq 1999/2000.	Senatas-suq 2000/2001	Senatas-suq 2001/2002	Minn2002/03
Tadam	12,84	6,40	6,72	7,04	7,37	7,69	8,01
Pastard	13,51	4,17	4,64	5,10	5,57	6,04	6,50
Tuffieħ	15,04	4,35	4,73	5,10	5,48	5,86	6,23
Għeneb	15,45	4,76	5,29	5,83	6,36	6,90	7,43
Berquq	23,36	4,46	5,41	6,35	7,30	8,24	9,19
Nettarini	25,43	8,04	8,91	9,78	10,65	11,52	12,39
Ħawħ	22,53	7,88	8,61	9,35	10,08	10,81	11,54
Lanġas	14,83	4,65	5,01	5,37	5,73	6,09	6,44
Brunġiel	7,62	2,33	2,59	2,86	3,12	3,39	3,65
Larinġ	15,85	1,52	1,59	1,65	1,72	1,78	1,85
Mandolini	17,48	1,33	1,96	2,59	3,22	3,85	4,48
Klementini	13,70	0,96	0,91	0,86	0,80	0,75	0,70
Satsumi	10,49	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00
Lumi	17,26	3,89	3,96	4,04	4,11	4,19	4,26"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-13 ta' Lulju 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni